## 16 ta' Diċembru, 1991

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Mercieca

*versus*

In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani *et*

## Imgħax Kummerċjali - Konnotazzjoni tal-Espressjoni "Likwidazzjoni"

*Kawża dwar meta jibda jgħaddi l-imgħax. Il-Qorti ta' l-Appell osservat li ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti għal ammont determinat jew ammont inderteminat u dejjem riferibbli għall-pretensjoni avanzata mill-attur fiċ-ċitazzjoni.*

*F'din il-kawża l-attur talab ħlas ta' ammont ċert u likwidu u għalhekk l-imgħax kummerċjali jgħaddi mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni fuq l-ammont mitlub li ġie sanzjonat mill-Qorti.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

Iċ-ċitazzjoni preżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tirrelata illi dik il-Qorti fid-19 ta' Marzu, 1984 kienet, fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Mercieca vs. l-Arkitett u Inġinier Ċivili Carmel Fenech A. & C.E. u lin-Nobbli Mario Testaferrata

Moroni Viani *et.* il-konvenuti kienu ġew ikkundannati li jħallsu lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira u tmenin ċenteżmi (Lm262.80,0) u dan tħallas. Il-konvenuti però qed jirrifjutaw li jħallsu l-imgħax kummerċjali fuq din is-somma, mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni – l-10 ta' Mejju, 1972 sas-26 ta' Mejju, 1984 data tal-effettiv pagament, ammontanti għal mija u ħamsa u disgħin lira, tmienja u tletin ċenteżmi u tliet milleżmi (Lm195.38,3) u ħallsu biss żewġ liri u erbgħa u disgħin ċenteżmi (Lm2.94,0) interessi mid-data ta' dik is-sentenza – 19 ta' Marzu, 1984 sad-data tal-pagament – is-26 ta' Mejju, 1984;

Minħabba dan ir-rifjut l-attur talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh is-somma bilanċjali ta' l-interessi – mija u tnejn u disgħin lira, erbgħa u erbgħin ċenteżmi u tliet milleżmi (Lm192.44,3);

Il-konvenuti eċċepew illi:

(a) fiċ-ċitazzjoni preċedenti – imsemmija, l-attur kien talab ħlas ta' ħames mija u ħamsa u għoxrin lira u tnax-il ċenteżmu (Lm525.12,0) metnri l-kundanna kienet biss għal Lm262.80 u għalhekk l-ewwel ammont kien "*da liquidarsi*" u "*in illiquidis non fit mora.*"

(b) is-sentenza ma laqetx it-talba "bl-imgħax kummerċjali u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu nkwadrati biss fit-termini preċiżi ta' l-istess sentenza;

Fit-28 ta' Lulju, 1989 dik l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-attur u l-konvenuti għalhekk introduċew l-appell li huwa l-meritu ta' din is-sentenza;

Kunsidrati u studjati l-atti kollha tal-proċess, din il-Qorti għandha dawn l-osservazzjonijiet x'tagħmel:

(a) l-ewwelnett tistabilixxi l-konnotazzjoni ġuridika tal-espressjoni "likwidazzjoni tad-danni." Kreditur li sofra danni jista' jitlob lill-Qorti jew ammont determinat, minnu stabbilit, jew ammont **indeterminat** li jrid jiġi mill-Qorti **determinat** jew kif abitwalment jingħad fil-proża ġuridika, **likwidat.** Ammont **likwidu** jew ammont **illikwidu** huma espressjonijiet ekwivalenti għal ammont **determinat** jew ammont **indeterminat,** u dawn huma dejjem riferibbli għall-pretensjoni avvanzata fit-talba tal-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tiegħu u huwa jagħżel jekk jitlobx ammont minnu **determinat** jew jitlob ammont **indeterminat** li għandu jiġi **determinat** mill-Qorti. Is-sinjifikat ta' din is-sentenza ma jinbidilx jekk kemm-il-darba jintqal illi l-attur jagħżel jekk jitlobx ammont preċiż minnu likwidat jew jitlobx ammont li għandu jiġi mill-Qorti **likwidat;**

**Tillikwida** tiddeskrivi l-azzjoni li biha tiċċara sitwazzjoni li ċara ma tkunx, u per analoġija, għalhekk tintuża biex sitwazzjoni monetarja konfuża jew mhix ċara, tiġi stabbilita u ċċarata. Per estensjoni, infatti, **tillikwida vertenza,** tfisser tikkonkludiha u b'hekk tiċċaraha definittivament. U hekk, diversi sinjifikati konnessi ma' l-istess ideja bażilari ta' kjarezza jew tal-proċess ta' kjarifikazzjoni;

(b) Il-kontestazzjoni ta' debitu ta' l-ammont likwidat, pretiż mill-kreditur, ma hix ekwivalenti għall-kontestazzjoni ta' debitu ta' pretiża illikwidata tal-kreditur, u waħda mis-sottomissjonijiet prinċipali tal-konvenuti hija proprju fis-sens illi dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet huma identiċi u li fiż-żewġ każijiet qegħdin fil-kamp ta' l-illikwidu;

L-istess riżultat u l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw jekk "**tillikwida**" tittieħed li tfisser "**taċċerta**" u d-differenza hija – dejjem riferibbilment għall-pretiża tal-kreditu – bejn talba għall-ammont ċert, u talba biex l-ammont jiġi aċċertat mill-Qorti;

Dawn id-differenzi, il-konvenuti ma jagħmluhomx tant li jissottomettu, per eżempju, hekk fin-nota tagħhom tal-15 ta' Marzu, 1985:

"Ma jistax ikun hemm dubju li l-kreditu pretiż mill-attur fil-kawża kien **inċert u illikwidu** tant li kien kontestat mill-Perit Fenech bħala mhux dovut u minn-Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani bħala esaġerat;"

Għal din il-Qorti, dak li ma jistax ikun hemm dubju fuqu, huma għall-kuntrarju, il-fatt illi la l-attur ta' l-ewwel kawża u ta' din , f'dik il-kawża talab il-kundanna tal-kovenuti biex iħallsuh preċiżament Lm525.12,0, il-pretiża tal-attur kienet għal ammont **ċert u likwidu**, u l-kontestazzjonijiet u ċ-ċaħdiet tal-konvenuti huma għal kollox fatturi irrilevanti għad-determinazzjoni ta' ċertezza u l-likwidità tal-pretiża tal-attur. U daqstant ieħor huwa rrilevanti n-nomina ta' perit fil-kawża u l-kundanna fis-sentenza għall-ammont anqas minn dak pretiż mill-kreditur-attur;

Il-Qorti mhix persważa li l-konvenuti ma jirrejalizzawx illi bl-argument minnhom espost ma jeżisti ebda kreditu li huwa ċert u likwidu jekk mhux dak biss li huwa ammess bħala tali mid-debitur. Li mhix proposizzjoni proponibbli;

La dan l-aggravju prinċipali m'huwiex attendibbli, isegwi

li fuq l-ammont ċert u likwidu li l-kreditur-attur avvanza fl-ewwel ċitazzjoni tiegħu u għal dik il-parti minnu li ġiet sanzjonata mis-sentenza jiddekorru interessi u billi l-obbligazzjoni kienet ta' natura kummerċjali dawn huma regolati hekk:

"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali, jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dik inhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita." (art. 114(1) Kap. 16.);

Billi t-talba ta' l-attur hija konformi ma' din in-norma, din jistħoqqilha li tiġi akkolta kif minnu proposta;

In-nuqqas ta' kundanna fuq daqshekk fl-ewwel sentenza ma taffettwax dan l-obbligu. Biex dan jiġi nieqes irid ikun espressament eskluż minn sentenza;

Finalment il-konvenuti għandhom raġun fuq it-tielet aggravju għaliex l-uniku wieħed minnhom li kien parti fl-ewwel kawża kien in-Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani u għalhekk il-konvenuti l-oħra kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju inkwantu bażat fuq dak tad-19 ta' Marzu, 1984;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tal-konvenuti huwa miċħud ħlief għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju hawn imsemmi u għalhekk – biex jiġu evitati ekwivoċi – din il-Qorti qed tiddeċidi u takkolji t-talba tal-attur limitatament u biss fil-konfront tan-Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani u tillibera l-konvenuti l-oħra mill-osservanza tal-ġudizzju u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata;

L-ispejjeż kollha huma regolati hekk – a karigu tan-Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani – kull fejn huwa nteressat – u l-bqija ċjoè dawk li jinteressaw l-attur u l-konvenuti l-oħra – dawk tal-prim istanza bla taxxa u dawk ta' l-appell għall-attur.